MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1180/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma**
**f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**vs**

**Mary Rose Cardona**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ Gunju, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici pro.et.noe. s-somma ta’ erba’ mjija u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm410.91) rappresentanti kontijiet pendenti ghal konsum ta’l-ilma u kera ta’ meter ta’l-ilma li jammonta ghal Lm290.54 u ghal konsum ta’l-elettriku u kera ta’ meter ta’l-elettriku li jammontaw ghal Lm120.67, fil-fond Plot 228, Gersheren, Triq il-Fossili, B’Bugia ghal perijodu mill-25 ta’ Mejju 1998 sad-19 ta’ Gunju 2000 skond il-kont numru

1000019188 u id-dokument anness ma’ l-avviz u immarkat bhala Dokument WSC1.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 spejjez ta’l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici pro.et.noe. sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ erba’ mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm410.91), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------